**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 161883** **05.09.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia jinawgura wirja ta' tpinġijiet tat-Tfal Skola Sajf 2016 bit-tema "Magħqudin fid-Diversità"***

Dalgħodu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura wirja ta' tpinġijiet tat-Tfal Skola Sajf 2016 bit-tema "Magħqudin fid-Diversità" mtella' mit-tfal miċ-ċentri ta' Skola Sajf 2016 f'Ħal Qormi u f'San Pawl il-Baħar.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker għamel referenza għad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, Pariġi, 10 ta' Diċembru 1948. Din id-dikjarazzjoni tisħaq li m'għandux ikun hemm distinzjoni fost il-bnedmin, għaliex il-bnedmin kollha jitwieldu ħielsa u ugwali fid-dinjità u bl-istess drittijiet. Huma għandhom iħabirku u jgħinu lil xulxin fi spirtu ta' fratellanza bħala familja waħda.

Id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija riżultat jew karba ta' popli li sofrew il-kruha ta' żewġ gwerrer dinjiji. Minn dak iż-żmien sal-lum, il-konflitti fid-dinja ma naqsux. Illum, wieħed għad isib gvernijiet awtokratiċi li jkasbru lil bniedem u jneżżgħuh mid-dinjità tiegħu.

It-tkasbir tad-drittijiet u libertajiet tal-individwu hu l-epilogu għat-traġedja tal-bniedem li tilħaq il-qofol tagħha fil-mewt, iżda wieħed m'għandux jitlef it-tama. Aħna għandna nisħqu fuq l-imħabba tal-aħwa, is-solidarjetà maż-żgħir u l-importanza tal-ġid komuni. Dawn għandhom jitqiesu il-kejl ta' kull ħidma lejn ħajja ġusta u armonjuża.

L-Ispeaker tenna li m'għandnix inħarsu lejn id-differenzi ta' bejnitna, iżda aktar lejn kif nistgħu ntejbu ħajjitna b'mod aktar ġust billi nkunu ta' għajnuna għall-oħrajn, napprezzaw lil xulxin, ħalli b'hekk intejbu ħajjitna, lis-soċjetà tagħna u lil pajjiżna. Dan ikun il-kontribut siewi tagħna għal dinja aħjar.

L-Ispeaker irringrazzja lil dawk li taw is-sehem tagħhom sabiex tittella' l-wirja, fost dawn, iċ-ċentri tat-Tfal Skola Sajf, l-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, u MEUSAC.

Fl-indirizz tagħha, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili Helena Dalli qalet li rridu naħdmu biex l-atitudni pożittiva lejn id-diversità u l-inklużjoni li qed juru dawn it-tfal ma tkunx imxekkla u affetwata mill-kbar.

"Kulħadd għandu dritt jgħix ħajja diċenti, irrispettivament mir-razza, reliġjon, abilità u orjentazzjoni sesswali, u għaldaqstant għandna naraw kif ikollna soċjetà li tkun aktar ħanina fejn kull persuna tkun mgħejjuna biex tilħaq il-potenzjal kollu tagħha", qalet il-Ministru Dalli.

**Attachments: ritratti**



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Intant, fid-diskor li għamel, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo qal li d-diversità ttejjeb il-ħajja tagħna kif ukoll tgħinna fl-iżvilupp tal-esperjenza edukattiva tagħna. Mhuwiex faċli tintlaħaq iżda rridu nitgħallmu minn persuni b'sfondi u esperjenzi differenti. Meta jirnexxilna, id-diversità tgħin fl-iżvilupp soċjali tagħna u tippreparana għall-suċċess akbar fil-karriera futuri, tenna l-Ministru Bartolo.

Il-wirja tinsab fl-intrata tal-Parlament, f'Misraħ il-Ħelsien, il-Belt Valletta, u l-pubbliku hu mistieden iżurha mit-Tnejn sas-Sibt, mid-disgħa ta' filgħodu sal-ħamsa ta' waranofsinhar, u l-Ħadd mid-disgħa sa nofsinhar.  Il-wirja tintemm nhar l-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2016.